# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 24 ta' Ottubru 2000**

Numru 52

Citaz nru 435/94 DS

George Sultana
vs
BIM Limited

Illum, 24 ta' Ottubru 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-25 ta' Marzu 1994 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi fid-19 ta' Novembru 1991 waqt li l-attur kien qed jahdem b'inkarigu tal-konvenuti nomine fil-fabbrika konvenuta, hu korra serjament f'ghajnejh ix-xellugija u sofra danni kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi dan il-korriment gara minhabba t-tort u jew negligenza u jew nuqqas ta' osservanza ta' prekawzjonijiet mehtiega da parti tal-konvenuti nomine kif jigi pruvat ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-konvenuti nomine gew interpellati biex jersqu ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attur izda baqghu inadempjenti.

talab lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi li:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti nomine huwa responsabbli ghal korriment li garrab l-attur fid-19 ta' Novembru 1991 u ghad-danni kollha konsegwenzjali;

2. Tillikwida l-imsemmija danni, jekk hemm bzonn bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-attur id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Mejju 1993 kontra l-konvenuti nomine li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta fejn qalet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stanti illi jekk l-attur sofra xi danni, sofrihom minhabba tort u negligenza unikament tieghu, u dan kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-15 ta' Gunju 1994 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tad-29 ta' Novembru 1995 li permezz tieghu gie nominat bhala espert mediku l-konsulent Mr. Thomas Fenech biex jassisti lil-perit legali;

Rat id-digriet tat-12 ta' Frar 1999 li permezz tieghu ghall-imsemmi espert mediku gie sostitwit Dr. F. X. Sammut u d-digriet sussegwenti tas-17 ta' Mejju 1999 li permezz tieghu gie sostitwit bhala espert mediku Dr. Franco Mercieca;

Rat ir-relazzjoni minnhom mahlufa fis-26 ta' Mejju 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh fid-19 ta' Novembru 1991 fil-fabbrika tal-BIM Ltd., il-Marsa, u li fih wegga' l-attur fl-ghajn ix-

xellugija. Kien qieghed isir xoghol fuq *pipes* vojta minn gewwa li wara li jsiru ghamla ta' "U", fit-truf jittaqbulhom zewg toqbiet kull naha, minn gewwa ghal barra. L-irbaba li tigi fuq barra titnehha bi *driller* zghir u mbaghad il-*pipe* jmur ghar-*rubdown*. Biex ix-xoghol jitghaggel kien qed jintuza *grinder* flok *driller* u kien proprju waqt l-uzu ta' *grinder* minn wiehed mill-impjegati li taret traba f'ghajnejn l-attur u darbitu.

**Charles Seychell**, li jahdem bhala *skilled labourer* mas-socjeta` konvenuta, kien l-ewwel xhud prodott mill-attur. Huwa xehed li meta gara l-incident kellhom ordni kbira mill-Libja, ghamlu *trolley* u kull "U" bdiet tidhol wahda fejn l-ohra qishom qrun. Flok *driller* hu, fuq ordni ta' l-imghallem, beda juza *grinder* biex ix-xoghol isir b'aktar heffa. Huwa spjega li bil-*grinder* "ittajjar". Kompla jghid:

> *"Fir-rokna fejn kont jien kien hemm ukoll l-attur; konna jien u hu. Distanza kienet bejnietna ta' cirka 15-il pied. It-trolley jokkupa certu spazju. L-attur meta jien qlibt ghall-grinder, hu baqa' bid-drill – speed inqas minni. Jien u l-attur konna ilna iktar minn xahar nahdmu t-tnejn bid-drill f'dik ir-rokna. L-attur kien jahdem fuq bank, kien hemm pressa u hafna kaxxi tal-kartun.*
>
> *Qrib nofs-in-nhar ta' dik il-gurnata, waqt li kont 'grinding' (liebes nuccali – mentri min jahdem bid-drill ma jehtiglux nuccali ghax ma jtajjarx) l-attur kellu trolley bil-'U' lesti ghaddej bihom biex jehduhom fit-tqassima tar-'rubdown' u f'daqqa wahda qalli li kienet qed taharqu ghajnu x-xellugija ghax kien dahal xi farka fiha milli tajjart jien. Telaq it'trolley' (dan ghamla ta' kaxxa) mentri tieghi kien qisu 'frame' u mar jahsel ghajnu.*
>
> *Naf li dakinhar haduh l-Isptar. F'dak il-jum ma rajtx izjed lill-attur. Gie lura wara xi granet u ghajnu kienet titqazzez thares lejha – hamra, ddamma u mahmuga. Fuq dak ix-xoghol l-attur ma hadimx izjed."*

In kontroezami qal:

> *"Mistoqsi kontx indunajt li qed intajjar bil-'grinder' nghid li jien bin-nuccali kont. Bil-'grinder' li kont nuza, tal-gebla – jigifieri mhux speci ta' sander – bilfors ittajjar.*
>
> *Ghall-'goggles' trid tmur l-istore u titlob. Jien nibqa' fil-bieb u nitlob u mhux nidhol gewwa.*

*Il-'grinder' tahieli l-'foreman'. Il-'grinders' kollha jtajru."*

**L-attur** qal li jaqbel ma' dak li xehed Charles Seychell. Esebixxa pjanta tal-*factory floor* u spjega hekk:

*"Fil-mejda li hemm fin-nofs inkun nahdem jien fin-naha fejn hemm il-'pallet' wieqaf qabel jibda l-moviment tieghu kif muri fis-'site plan'. Il-post qed nimmarkah b'linja hamra.*

*Meta lestejt u l-'pallet' kien mghobbi (niehu xi tliet sieghat biex nghabbieh) inqabbad il-'pallet' warajja u mmur bih kif muri ghal fejn l-ispraters. Dakinhar tal-incident, jien u ghaddej u wasalt quddiem il-'grinder' li fuqu kien jahdem Charles Seychell taret farka ghal go ghajni tax-xellug mill-frak li waqt l-operazzjoni tal-'grinding' kien qed itajjar Seychell.*

*Niccara li jien kont ingebbed il-'pallet' b'mod li kont navvanza b'dahri l-ewwel u l-'pallet' qed inhares lejh u ndawwar ghonqi lejn il-lemin biex nara fejn sejjer. Kif hekk dawwart ghonqi l-farka taret lejn ghajni xellugija.*

*Jien waqaft fil-pront u taptapt fuq spallejn Seychell li allura nduna x'kien gara. Seychell dak il-hin kien liebes 'goggle'.*

*Mill-ewwel mort fejn Joseph Balzan – production manager ta' allura – u dana baghtni l-isptar bit-transport tal-fabbrika.*

*Ikkurawni fil-Casualty unit u baghtuni d-dar u qaluli immur lura wara xi granet. Bl-istess trasport mort lura l-fabbrika u ghidt lil Balzan x''ienu qaluli. Balzan baghtni d-dar.*

*Xoghli 'spot welder' u 'burner welder'. Il-grad tieghi hu ta' 'tradesman'.*

*"Jien ma kellix goggles. Fuq li kont qed nahdem jien ma kellix bzonn goggles ghax l-irbaba li nnehhu tixxammar 'l isfel u mhux ittir. Fir-rigward ta' Seychell dakinhar beda b'sistema gdida li kienet ittajjar il-frak u kienet tirrikjedi l-goggles, Ghalhekk jien ma kellix goggles li huma 'available' u anqas xi 8 shabi li kienu fuq lant bhali.*

*Meta mort lura xorta ma kellix bzonn goggles – dana ghar-raguni li semmejt,*

*Goggles kien hemm ghal min kellu bzonnhom.*

*Xtaqt ukoll niccara li bejn il-kaxxi kien hemm 'confined space' u kelli nghaddi bilfors mnejn ghaddejt."*

In kontroezami qal:

*"Il-kaxxa hi kbira, qisu 5' x 5' u iktar facli tigbidha, sew minhabba piz u sew biex tidderigi stante li hemm 'handle' wiehed b'zewg imqabad.*

*X'hin Seychell beda juza l-'grinder' ma nafx ghax jien ma kontx involut fl-operazzjoni tieghu. Pero` ndunajt li hu beda juza l-goggles u dana sa minn filghodu. Hu kien boghod minni u allura ma kellix ghalfejn niehu prekawzjonijiet jien.*

*Ahna ghandna goggles. Wiehed jaqbad u juzahom bla procedura fissa. Pero` bil-goggles ma timxix stante li l-gnub huma maghluqa."*

Xehed ukoll **John Sofia**, chargehand mas-socjeta` konvenuta, li kkonferma li kien hemm kwantita` ta' xoghol u kienet mehtiega heffa.

Mill-provi jirrizulta li l-incident gara fl-istess gurnata li Charles Seychell beda juza l-'grinder' fuq struzzjonijiet tal-foreman bl-iskop li x-xoghol li kellu jsir ikun jista' jsir b'aktar heffa. Fl-atmosfera ta' ghagla li kien hemm, kif korrettement ikkummenta l-perit legali, ma nghatatx l-attenzjoni xierqa mill-"employer" ghas-sigurta` tal-haddiema. Ikompli jghid il-perit legali: **"Wiehed ma jistax ma josservax li l-haddiem, ghalkemm ghandu dritt ihares sahhtu, minn naha wahda ma jridx juri ruhu li qed igibha bi kbira f'mument hekk delikat ta' xoghol ghall-fabbrika u minn naha l-ohra hu mistenni li s-'safety' fuq ix-xoghol tkun haga pjanata minn min hu mharreg apposta. Iktar u iktar meta, fl-interess tal-azjenda, il-haddiem innifsu jkun qed jaghmel hiltu billi jghaggel sabiex il-fabbrika tissoddisfa l-obbligu li tkun dahlet ghalih. Dan mhux oggett li l-haddiema jithallew ifendu ghal rashom izda hu oggett ta' pjan, ta' regoli u proceduri li ghalihom irid jahseb il-'management'. Ta' min isemmi li fil-formola tal-'Employers Liability Claim' (Dok. TC(1)) ma gie imputat xejn hazin lill-attur."**

Fic-cirkostanzi rizultanti jidher car li l-fabbrika ma pprovdietx "a safe system of work"; ma ezercitatx il-prudenza, diligenza u hsieb ta' missier tajjeb tal-familja mistennija minnha biex tipprevjeni incidenti bhal dak li effettivament gara, u stante li ma tirrizulta l-ebda kontributorjeta` da parti ta' l-attur, is-socjeta` konvenuta ghandha tinzamm responsabbli ghad-danni konsegwenzjali.

L-attur ghandu dritt kemm ghad-*damnum emergens* kif ukoll ghal-*lucrum cessans*.

Dwar ta' l-ewwel jirrizulta mix-xiehda ta' **Timothy Camilleri**, financial controller tas-socjeta` konvenuta, li l-attur tilef f'*overtime* l-ammont ta' Lm212.55. Ghalkemm l-attur xehed li wara xi sitta jew seba' xhur issokta l-kura privatament ghand Dr. Mario Tabone, ma rreklama l-ebda pagament li seta' ghamel relattivament ghal din il-kura. Ghalhekk id-*damnum emergens* qed jigi likwidat fl-ammont ta' Lm212.55.

B'rizultat ta' l-incident in kwistjoni l-attur sofra dizabilita` permanenti li gie fissat mill-perit mediku Mr. Franco Mercieca fl-ammont ta' erbgha fil-mija (4%). Kif irriteniet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha tat-8 ta' Mejju 1990 fil-kawza fl-ismijiet "Mario Camilleri vs Mario Borg et noe" (Vol. LXXIV.iii.512):

> ***"Il-gustizzja li taf il-Qorti hija dik li fil-limiti tar-realta` u kemm huwa possibbli, terga' tpoggi lill-vittma, ta' kwalsiasi att ingust, fl-istat li kienet qabel….Huwa ingust li f'dawn il-kazijiet, u fejn ir-restituzzjoni fizika tal-gisem u s-sahha tal-vittma ta' l-att illegali u ingust ta' haddiehor m'humiex possibbli, ma tassikurax kemm tista' kompensazzjoni adegwata."***

Issa ghall-fini tal-qliegh annwu l-perit legali ssuggerixxa li bhala medja l-*quantum* ghandu jkun ta' Lm4500. Minn ezami tad-dokumenti relattivi (id-Dok. SS u XX), u meta wiehed iqis zidiet ghall-gholi tal-hajja u fl-inflazzjoni, il-Qorti taqbel ma' dan il-*quantum*. Ghal dak li jirrigwarda l-firxa ta' snin, jirrizulta li l-attur kellu 39 sena meta gara l-incident (l-incident gara fid-29 ta' Novembru 1991 u d-data tat-twelid ta' l-attur hija s-16 ta' Dicembru 1951). Il-hajja lavorattiva tal-generalita` ta' l-irgiel f'pajjizna twassalhom ghall-eta` pensjonabbli ta' 61 sena. Il-Qorti jidhrilha li huwa gust fil-kaz odjern li l-*multiplier* jirrispekkja dan il-fatt u jkun ta' 22 sena. Il-*lucrum cessans* ghalhekk jinhadem hekk:

Lm4500 fis-sena ghal 22 sena = Lm99,000

Dizabilita` permanenti 4% = Lm 3,960

Stante li l-incident gara disa' snin ilu, u konsistentement mal-gurisprudenza recenti (ara per ezempju "Susan Davies et vs Anthony Galea" – Citaz. Nru. 647/91 NA - deciza fl-10 ta' Ottubru 1997) ma hu se jsir l-ebda tnaqqis ghal *lump sum payment.*

Ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghandha thallas lill-attur is-somma ta' Lm3960 bhala *lucrum cessans.*

B'kollox ghalhekk l-attur ghandu jiehu:

| | |
|---|---|
| *Damnum emergens* | Lm 212.55 |
| *Lucrum cessans* | Lm 3960.00 |
| | Lm 4172.55 |

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u

(1) tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni li b'rizultat ta' l-istess sofra l-attur,
(2) tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm4172.55
(3) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur din is-somma ta' Lm4172.55 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**Onor. Imhallef**
**Dottor David Scicluna**

**D/Registratur**